IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA’ LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 62-2019(14_02_19) – Laqgħa b’urġenza**

**14 ta’ Frar 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ b’urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**62.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

62.1.1 Is-Sur Paul Curmi bagħat *e-mail* u informa lill-Kunsill li mhux ser ilaħħaq biex jiġi għal-laqgħa.
Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**62.2 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2018**

62.2.1 Bħalma jsir kull sena, f’dan iż-żmien iridu jsiru l-*Financial Statements* għas-sena li tkun għadha kemm għalqet u jiġu ppreparati skont l-International Financial Reporting Standards.

Kopja tal-*Financial Statements* iridu jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali u l-Awdituri sa mhux aktar tard mit-18 ta' Frar 2019. Wara din id-data jinbeda l-proċess tal-verifika.
Wara li saru xi mistoqsijiet mill-Kunsilliera, dawn il-*Financial Statements* ġew approvati.

**62.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

62.3.1 Il-laqgħa aġġornat fis-5:45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Frar 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 63-2019(20_02_19) li nżammet nhar l-Erbgħa, 20 ta' Frar 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku